TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 78/16/GB

**David Carbone**

**vs**

**International Sales Direct**

Illum 15 ta' Gunju 2016

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-12 ta' April, 2016, fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' hames mitt Ewro (€500.00), bhala kumpens ghat-telf ta' *units*, fuq numru ta' snin, minn pannelli fotovoltajici li nxtraw minghand id-ditta ntimata, u dana minhabba nstallazzjoni hazina li saret da parti tad-ditta ntimata.

Id-ditta ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, pero' attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent, li huwa l-istess rikorrent, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Fit-22 ta' Frar 2012, huwa kien xtara erbatax (14)-il pannella PV minghand id-ditta ntimata.

F'Novembru 2015, meta kien temp sabih, u allura dawn il-pannelli suppost bdew jaghtu kwazi l-massimu, ir-rikorrent induna li l-pannelli kienu qed jaghtu zewg *units* inqas kuljum. Ghalhekk huwa kien cempel lid-ditta ntimata, fejn hija baghtet it-tekniku taghha, li sab li t-tliet (3) pannelli ta' quddiem ma kienux qed jahdmu minhabba d-dell mill-appramorta u dan ghaliex kienu gew installati hazin, ghaliex suppost kellhom jigu nstallati iktar lura.

F'Jannar, id-ditta ntimata baghtet l-*installer* taghha sabiex jara x'kien hem bzonn li jsir, fejn l-ghada, ir-rikorrent kien ircieva telefonata mill-*head office* u gie nformat li kellu jhallas is-

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

somma ta' hamsa u sebghin Ewro (€75.00) biex il-pannelli jitrangaw, pero' ir-rikorrent irrifjuta li jhallas.

Wara li r-rikorrent ghamel rapport ma' l-MCCAA, id-ditta ntimata offriet li tirranga l-pannelli b'nofs il-hlas, izda r-rikorrent xorta wahda rrifjuta ghaliex l-istallazzjoni kienet koperta minn hames snin garanzija. Wara din l-offerta, id-ditta ntimata marret tirranga l-pannelli f'Marzu 2016.

Illi pero', b'konsegwenza ta' dan kollu, ir-rikorrent qed jitlob kumpens fl-ammont ta' hames mitt Ewro (€500.00), minhabba li matul is-snin, huwa kien qed jitlef madwar tliet (3) *units* kuljum, li ghal kull *unit* il-Gvern jaghti hamsa u ghoxrin centezmi (€0.25).

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li ra r-Regolament numru 4.1 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 378.01, u wara li ra li d-ditta ntimata pprezentat ir-risposta bil-miktub wara li kien skada t-terminu ta' tmientax-il jum stipulat mill-istess Legislazzjoni Sussidjarja, cahad ir-risposta tad-ditta ntimata u ddikjara li d-ditta ntimata baqghat kontumaci.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa zewg kontijiet ta' l-ARMS, li gew immarkati bhala Dok.DC1 u Dok.DC2.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parti tad-ditta ntimata lejn ir-rikorrent, billi ma pprezentatx ir-risposta taghha ghat-talba in kwistjoni fit-terminu mpost mill-Ligi. It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u fuq ezaminazzjoni tal-provi prodotti, jinnota illi, nonostante l-principju illi min jallega ghandu jipprova, ma ngabet l-ebda prova da parti tar-rikorrent rigwardanti l-allegazzjoni tieghu ta' telf ta' *units* ammontanti ghas-somma ta' hames mitt Ewro (€500.00). Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrent, fuq nuqqas ta' provi, bl-ispejjez tal-kawza kontra r-rikorrent.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**